

# Quddiesa għall-ftuħ tal-proċess tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni ta’ Brother Louis Camilleri F.S.C.

## Il-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, Il-Ħadd, 31 ta’ Marzu 2019

*“Ġesù, kun għalija dik l-istilla bid-dawl qawwi tagħha, kun raġġ ta’ dawl f’qalbi issa u għal dejjem”. Talba ta’ Brother Louis – Novembru 2008*

**Brother Louis Camilleri F.S.C. (1923-2011)**
**Charles Briffa**

*Introduzzjoni*

Il-missjoni ta’ Brother Louis kienet tħaddan il-prinċipji essenzjali marbutin l-aktar

- mal-ħidma tiegħu fost il-foqra,
- ir-rispett lejn kulħadd,
- il-ġustizzja soċjali,
- edukazzjoni siewja,
- komunità inkluživa, u
- fidi sħiħa fil-preżenza ta’ Alla.

*Ħajtu u ħidmietu*

Brother Louis twieled iż-Żurrieq fl-1923 u ngħata l-ismijiet ta’ Anthony, Carmel, u Joseph f’familja fqira u umli li kienet issejjaħlu Ninu. Meta kien għadu tifel kien ħabriek ħafna bħala membru tal-Mużew u wara li ħa l-edukazzjoni primarja fl-iskola tal-gvern taż-Żurrieq beda jmur l-iskola sekondarja ta’ Ħal Tarxien fl-1934. Imma s-sena ta’ wara (ta’ 12-il sena) daħal fl-iskola tal-Brothers ta’ Bormla għax ried jaħdem id-dockyard. Ftit ftit kibret fih ix-xewqa li jsir Brother ta’ De La Salle u ta’ 15-il sena (fl-ewwel ġimgħa ta’ Settembru 1938) telaq għan-novizzjat fi Franza ma’ grupp biex jibda jterraq fit-triq vokazzjonali tiegħu.

Meta faqqgħet il-gwerra (fit-3 ta’ Settembru 1939) Ninu, mogħni b’sens ta’ avventura u fidi f’Alla, qatagħha li jibqa’ jistudja u jħejji ruħu biex isir Brother fi Franza. Il-ħajja kienet imwiegħra u kellu jħabbat wiċċu man-Nazis. Imma lanqas dawn ma xekkluh fil-missjoni spiritwali tiegħu. Minn Franza ġab il-kwalifiki ta’ għalliem u meta sar Brother ħa l-isem ta’ Brother Theodulphe Louis – imma baqa’ magħruf bħala Brother Louis.

F'Malta (bejn l-1945 u l-1962) beda jgħallem il-Ġeografija, ir-Reliġjon, u xi lingwi fil-Kulleġġ De La Salle u fil-klassijiet tad-dockyard. Fl-1966 offra lilu nnifsu bħala vittma tal-imħabba ħanina ta' Alla. U mill-1968 sal-1971 inħatar direttur tal-Kulleġġ De La Salle. Fl-1971 intbagħat fil-Kulleġġ Stella Maris (il-Gżira) fejn sentejn wara reġa' waqqaf is-Sixth Form u bejn l-1978 u l-1980 kien il-head tas-Sixth Form ta' Stella Maris u fl-istess ħin kien jgħallem il-Franċiż u r-Reliġjon għall-"A-level".

Inħatar id-direttur tan-novizzjat tal-Brothers (il-Mellieħa) għas-snin 1981-1983. Fl-1983 imbagħad inħatar provinċjal tal-Brothers u mar joqgħod fl-iskola St Benild (Tas-Sliema) u fl-1984 laħaq segretarju tal-Kunsill Rappreżentattiv għall-Iskejjel tal-Knisja li twaqqaf minħabba t-tilwima li dawn kellhom mal-gvern ta' dak iż-żmien. L-Arċisqof, Mons. Ġużeppi Mercieca, inkarigah biex jinnegozja mal-awtoritajiet f'isem l-iskejjel tal-Knisja. Mill-1984 sal-1987 kien is-segretarju tal-Kunsill tas-Superjuri Reliġjużi Maltin.

Fit-tmeninijiet waqqaf il-fergħa tas-*Signum Fidei* f'Malta li baqa' jmexxiha sa mewtu u li għadha attiva sal-lum. Sadattant beda jikteb it-talb u r-riflessjonijiet spiritwali tiegħu – minn dawn illum naraw l-identità Nisranija tiegħu.

Fl-1992 għamel tliet bypasses fi Brook General Hospital (Londra) u meta ġie lura nħatar direttur tal-Kulleġġ Stella Maris (1993-1996) u bejn l-1996 u l-1997 kien deputy head tal-Junior School tal Kulleġġ Stella Maris.

Fl-aħħar fażi ta' ħajtu (1997-2011) ħabrek ħafna fis-*Signum Fidei* bħala xhieda xierqa ta' Alla. Miet fid-29 ta' Mejju 2011.

*Konklużjoni*

F'Marzu 2016, il-Brothers ħabbru l-introduzzjoni tal-kawża ta' Brother Louis għall-beatifikazzjoni tiegħu.

L-Istitut tal-Brothers ta De La Salle għal Brother Louis kien is-sapport ewlieni għall-vjaġġ spiritwali tiegħu. U bil-kitbiet spiritwali li niseġ ried jaqdi lill-umanità b’xejriet qawwijin ta’ ċaħda tiegħu nnifsu bi spirtu sadiq Lasalljan imżejjen b’dehen Kristjan.








*“Nitolbuk Mulej, li aħna nirrispettaw u ngħożżu kull persuna li tidħol fil-ħajja tagħna”. Talba ta’ Brother Louis - April 2008*

# ARCHIDIOCESIS MELITENSIS

# CAUSA
# BEATIFICATIONIS ET CANONIZATIONIS
# SERVI DEI
# LOUIS CAMILLERI
# (IN SAECULO: ANTONIUS),
# FRATER PROFESSI FRATERES SCOLARUM CHRISTIANARUM
# (IZ-ZURRIEQ, 1 SEPT. 1923 – IL-GZIRA, 29 MAI. 2011)

*******

## INCHIESTA DIOCESANA
## CIRCA LA VITA, LE VIRTÙ E LA FAMA DI SANTITÀ IN ED I FATTI STRAORDINARI IN GENERE

*******

## SESSIONE PRIMA

*******

## Il-Qaddej ta’ Alla
## Brother Louis Camilleri F.S.C.
## Tal-Kongregazzjoni tal-Aħwa tal-Iskejjel Insara

*“Mulej Ġesù jekk inti trid li jiena nappartjeni kollni kemm jien tiegħek, aqtagħli l-ktajjen li qegħdin iżommuni ’l bogħod minnek.” Talba ta’ Brother Louis – April 2009*

***Il-ftuħ tal-ewwel sessjoni tal-Inkjesta Djoċesana għall-ftuħ ta' Kawża għall-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni ta' Brother Louis Camilleri F.S.C.***

*L-Isqof:* **Fl-isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.**
*Il-Poplu:* **Ammen.**

*L-Isqof:* **Il-Paċi Magħkom**
*Il-Poplu:* **U miegħek ukoll**

*L-Isqof imbagħad, bilwieqfa, isellem lill-ġemgħa b'dan il-kliem jew ieħor jixbħu:*

**Ħuti għeżież, fl-imħabba u l-ħniena kbira tiegħu, Alla ġabarna hawn illum, biex bil-grazzja tiegħu nagħtu bidu għall-Proċess Djoċesan fil-Ftuħ tal-Kawża tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni tal-Qaddej ta' Alla, Brother Louis Camilleri F.S.C., Reliġjuż Lasalljan li għall-ħajja twajba tiegħu igawdi fost il-Poplu ta' Alla fama ta' qdusija u fama ta' interċessur qawwi quddiem il-Mulej għal dawk li jitolbu l-interċessjoni tiegħu fit-tiġrib tal-ħajja. Waqt li nroddu ħajr lil Alla talli huwa dejjem iżejjen il-Knisja tiegħu b'aħwa eżemplari fil-fidi, ejjew nitolbu fis-skiet lil Alla jdawwal dak li se nibdew illum u jogħġbu jwassalha sat-tmiem.**

*Wara ftit mumenti ta' skiet, kulħadd joqgħod bilqegħda u l-Viċi-Postulatur jersaq quddiem l-Isqof biex jippreżentalu l-mandat tiegħu u tal-Postulatur Ġenerali waqt li jgħidlu:*

**Eċċellenza Reverendissima, wara li l-Postulatur Ġenerali tal-Kongregażżjoni tal-Aħwa tal-Iskejjel Insara, Fratel Rodolfo Cosimo Meoli F.S.C., innominani leġittimament bħala Viċi-Postulatur għall-Kawża tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni tal-Qaddej ta' Alla, Brother Louis Camilleri F.S.C., Brother profess fil-Kongregazzjoni Lasalljana; f'isem l-imsemmija**

**Kongregazzjoni Lasalljana umilment nitolbok tiftaħ il-Proċess Djoċesan fuq il-Ħajja, il-Virtù, il-Fama tal-Qdusija u l-Fama tal-grazzji u l-għeġubijiet maqlugħa mingħand Alla bl-interċessjoni ta' dan ħuna Lasalljan.**

*Jagħtih id-dokumenti. L-isqof jaqrahom fis-skiet u waqt li jurihom lill-Poplu ta' Alla jgħid:*

**Nilqa' t-talba tiegħek magħmulha f'isem il-Kongregazzjoni Lasalljana u ġaladarba ma għandi xejn kuntrarju, nordna li tinfetaħ din il-Kawża tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni.**

*Il-Poplu ta' Alla jilqa' din l-aħbar b'sinjal ta' ferħ.*

*L-isqof imbagħad jgħaddi d-dokumenti lill-Kanċillier waqt li jgħidlu:*
**Għażiż Kanċillier, ilqa' dawn id-dokumenti u niżżilhom fl-Atti ta' din l-ewwel sessjoni.**

*Il-Kanċillier jaqra l-Atti f'din l-Ordni:*
*1. In-Nulla Osta mill-Kongregazzjoni tal-Qaddisin*
*2. Id-digriet tal-ftuħ tal-Kawża*
*3. Id-digriet tat-twaqqif tat-Tribunal*

*Wara dan l-isqof jikkonferma:*

**Nikkonferma n-nomina tal-membri tat-Tribunal hekk kif imnedija mill-Kanċillier.**

*U waqt li jdur lejn il-membri tat-Tribunal jgħidilhom:*
**Tilqgħu intom din in-nomina, u lesti li twettquha b'fedeltà u tosservaw is-sigriet li ġġib magħha din in-nomina?**

*Ilkoll flimkien iweġbuh:*
**Iva, nilqa' din in-nomina u lesti li nwettaqha b'fedeltà u nosserva s-sigriet li din iġġib magħha.**

*Imbagħad wieħed wieħed ibda' mill-Isqof jieħdu l-ġurament. L-Isqof b'idejh il-leminija iżomm is-Salib Pettorali waqt li jgħid:*

**Jiena CHARLES J. SCICLUNA, Arċisqof ta' Malta, naħlef fl-Isem tal-Mulej li nwettaq b'fedeltà u diliġenza dak li ġie afdat f'idejja fl-Inkjesta Djoċesana fuq il-Ħajja, il-Virtù, il-Fama tal-Qdusija u l-Fama tal-grazzji u l-għeġubijiet maqlugħa mingħand Alla bl-interċessjoni tal-Qaddej ta' Alla, Brother LOUIS CAMILLERI F.S.C. Naħlef ukoll li nżomm is-sigriet fuq dak kollu li jista' jimmalafama lill-Qaddej ta' Alla jew lil persuni oħra; waqt li fl-istess ħin naħlef li nżomm 'il bogħod minn kull kompromess jew kundizzjonament. Hekk Alla jgħinni.**

*Imbagħad jiffirma u jissiġilla l-ħalfa.*

**+Charles J. Scicluna**
**Arċisqof ta' Malta**

*Id-Delegat tal-Arċisqof, b'idejh il-leminija fuq sidru jaħlef*

**Jiena, DUN BRENDAN GATT, naħlef fl-Isem tal-Mulej li nwettaq b'fedeltà u diliġenza dak li ġie afdat f'idejja fl-Inkjesta Djoċesana fuq il-Ħajja, il-Virtù, il-Fama tal-Qdusija u l-Fama tal-grazzji u l-għeġubijiet maqlugħa mingħand Alla bl-interċessjoni tal-Qaddej ta' Alla, Brother LOUIS CAMILLERI F.S.C.; ma nagħmel xejn u ma ngħid xejn li jista' direttament jew indirettament joffendi l-verità u l-ġustizzja jew ifixkel il-libertà tax-Xhieda.** *U waqt li jqiegħed idejh fuq il-Ktieb tal-Evanġelji jkompli*
**Hekk Alla jgħinni u dawn l-Evanġelji Mqaddsa.**

*Imbagħad jiffirma u jissiġilla l-ħalfa.*

***Rev. Kan. Brendan Gatt,***
***Delegat Episkopali***

*Il-Promotur tal-Ġustizzja, b'idejh il-leminija fuq sidru jaħlef*

**Jiena, DUN KEVIN SCHEMBRI, naħlef fl-Isem tal-Mulej li nwettaq b'fedeltà u diliġenza dak li ġie afdat f'idejja fl-Inkjesta Djoċesana fuq il-Ħajja, il-Virtù, il-Fama tal-Qdusija u l-Fama tal-grazzji u l-għeġubijiet maqlugħa mingħand Alla bl-interċessjoni tal-Qaddej ta' Alla, Brother LOUIS CAMILLERI, F.S.C.; ma nagħmel xejn u ma ngħid xejn li jista' direttament jew indirettament joffendi l-verità u l-ġustizzja jew ifixkel il-libertà tax-xhieda.** *U waqt li jqiegħed idejh fuq il-Ktieb tal-Evanġelji jkompli*

**Hekk Alla jgħinni u dawn l-Evanġelji Mqaddsa.**

*Imbagħad jiffirma u jissiġilla l-ħalfa.*

***Rev. Dr Kevin Schembri***
***Promotur tal-Ġustizzja***

*In-Nutar, b'idejha l-leminija fuq il-Ktieb tal-Evanġelji taħlef*

**Jiena, MARISA ABELA, naħlef fl-Isem tal-Mulej li nwettaq b'fedeltà u diliġenza dak li ġie afdat f'idejja fl-Inkjesta Djoċesana fuq il-Ħajja, il-Virtù, il-Fama tal-Qdusija u l-Fama tal-grazzji u l-għeġubijiet maqlugħa mingħand Alla bl-interċessjoni tal-Qaddej ta' Alla, Brother LOUIS CAMILLERI F.S.C.; ma nagħmel xejn u ma ngħid xejn li jista' direttament jew indirettament joffendi l-verità u l-ġustizzja jew ifixkel il-libertà tax-xhieda.** *U waqt li tqiegħed idejha fuq il-Ktieb tal-Evanġelji tkompli*

**Hekk Alla jgħinni u dawn l-Evanġelji Mqaddsa.**

*Imbagħad tiffirma u tissiġilla l-ħalfa.*

***Marisa Abela***
***Nutar***

*Id-Deputat Kursur, b'idejh il-leminija fuq il-Ktieb tal-Evanġelji jaħlef*

**Jiena, MARTIN FRANCALANZA, naħlef fl-Isem tal-Mulej li nwettaq b'fedeltà u diliġenza dak li ġie afdat f'idejja fl-Inkjesta Djoċesana fuq il-Ħajja, il-Virtù, il-Fama tal-Qdusija u l-Fama tal-grazzji u l-għeġubijiet maqlugħa mingħand Alla bl-interċessjoni tal-Qaddej ta' Alla, Brother LOUIS CAMILLERI, F.S.C.** *U waqt li jqiegħed idejh fuq il-Ktieb tal-Evanġelji jkompli* **Hekk Alla jgħinni u dawn l-Evanġelji Mqaddsa.**

*Imbagħad jiffirma u jissiġilla l-ħalfa.*

***Martin Francalanza,***
***Deputat Kursur***

*It-Traduttur, b'idejh il-leminija fuq sidru jaħlef*

**Jiena DUN MARIO MULE STAGNO S.D.B., naħlef fl-Isem tal-Mulej li nwettaq b'fedeltà u diliġenza dak li ġie afdat f'idejja fl-Inkjesta Djoċesana fuq il-Ħajja, il-Virtù, il-Fama tal-Qdusija u l-Fama tal-grazzji u l-għeġubijiet maqlugħa mingħand Alla bl-interċessjoni tal-Qaddej ta' Alla, Brother LOUIS CAMILLERI F.S.C.** *U waqt li jqiegħed idejh fuq il-Ktieb tal-Evanġelji jkompli* **Hekk Alla jgħinni u dawn l-Evanġelji Mqaddsa.**

*Imbagħad jiffirma u jissiġilla l-ħalfa.*

***Dun Mario Mule Stagno S.D.B.,***
***Traduttur***

*Il-Viċi-postulatur imbagħad idur fuq l-Arċisqof u jgħidlu*

**Eċċellenza Reverendissima, ngħaddilek il-lista tax-xhieda indikati mill-Postulazzjoni waqt li nirriżerva d-dritt li nqiegħed quddiemek iktar xhieda għal din il-Kawża.**

*L-isqof jeħodhom u jnewwilhom lill-Kanċillier*

*Il-Viċi-postulatur imbagħad jieħu l-ġurament, u b'idejh il-leminija fuq sidru jaħlef*

**Jiena, Brother SAVIOUR GATT F.S.C., leġittimament kostitwit Vici-Postulatur fl-Inkjesta Djoċesana fuq il-Ħajja, il-Virtù, il-Fama tal-Qdusija u l-Fama tal-grazzji u l-għeġubijiet maqlugħa mingħand Alla bl-interċessjoni tal-Qaddej ta' Alla, Brother LOUIS CAMILLERI F.S.C. naħlef f'Isem il-Mulej li nwettaq bil-fedeltà u d-diliġenza l-uffiċċju tiegħi u li ma nagħmel xejn u ma ngħid xejn li jista' direttament jew indirettament joffendi l-verità u l-ġustizzja jew ifixkel il-libertà tax-xhieda.** *U waqt li jqiegħed idejh fuq il-Ktieb tal-Evanġelji jkompli* **Hekk Alla jgħinni u dawn l-Evanġelji Mqaddsa.**

*Imbagħad jiffirma u jissiġilla l-ħalfa.*

***Brother Saviour Gatt, F.S.C.***
***Viċi-Postulatur tal-Kawża***

*Issa jintradd ħajr lil Alla biċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tal-Quddiesa.*

*"Għażiża Marija Omm Alla u Omm il-bnedmin, nitolbok biex bħalek nilqa' l-kelma tal-Anġlu, nismagħha, inżommha f'qalbi u nwettaqha matul ħajti."*
*Talba ta' Brother Louis - Ottubru 2009*

# Ir-Rit tal Quddiesa tar-Raba' Ħadd tar-Randan

**Ftakar Fina Mulej**

Ftakar fina, Mulej, għaliex tlifna,
Id-dawl tiegħek u l-faraġ tal-qlub;
Ħenn għalina u f'ismek eħlisna
Mill-ħsarat li ġarrabna fid-dnub.

Tħallasniex, o Mulej, fuq l-imgħoddi;
Insa l-ħtija ta' wliedek dgħajfin,
U naddafna mit-tbajja' ta' ruħna,
Sabiex ngħixu għal dejjem safjin.



*"O Alla tiegħi, Missier ħanin immensament, Inti qed issejjaħli biex nemmen lil Ibnek l-Għażiż. Imma ta' spiss jiġrili li bla ma naf qed neqred lili nnifsi. Biex nipprova nifhem xi rrivelali fuqu nnifsu agħtini l-paċenzja u l-perseveranza; ħaffer ġo fija x-xewqa li nifhem aħjar min Hu, u għaliex ġie f'din id-dinja fost il-bnedmin, Hu li hu Alla. Agħtini qalb umli, miftuħa għall-imħabba u dejjem lesta biex tintelaq bi mħabba li qatt ma tispiċċa." Talba ta' Brother Louis – Diċembru 2010*

## Att Penitenzjali

Nistqarr 'l Alla li jista' kollox, u lilkom, ħuti, li jiena dnibt ħafna bil-ħsieb, bil-kliem, bil-għemil, u billi ħallejt dmirijieti: ħtija tiegħi, ħtija tiegħi, bl-ikbar ħtija tiegħi. Għalhekk nitlob lill-imqaddsa Marija dejjem Verġni, lill-Anġli u 'l-Qaddisin kollha, u lilkom, ħuti, biex titolbu għalija lill-Mulej Alla tagħna.

Iħenn għalina Alla li jista' kollox, jaħfrilna dnubietna u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. Ammen

Mulej, ħniena.
    Mulej, ħniena.

Kristu, ħniena.
    Kristu, ħniena.

Mulej, ħniena.
    Mulej, ħniena.



## Kolletta

Nitolbu. O Alla, int b'mod tal-għaġeb terġa' tħabbeb miegħek lill-bniedem permezz tal-Verb tiegħek; agħmel li l-poplu Nisrani jitħejja b'qima kbira u fidi mħeġġa biex jiċċelebra l-festa solenni tal-Għid. B'Ibnek Ġesu' Kristu Sidna, li hu Alla u miegħek jgħix u jsaltan, flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem. **Ammen**

*"Ġesù jien naf li qiegħed fostna, u llum, nitolbuk li tmiss il-qalb ta' kull wieħed minna, timliena għal kollox bix-xewqat li qed inħossu u agħtina li nfiequ.  Ammen."*
*Talba ta' Brother Louis – Lulju 2009*

## Qari I

***Il-poplu ta' Alla jidħol fl-art imwiegħda u jiċċelebra l-Għid.***

**Ġoż 5, 9a.10-12**

**Qari mill-Ktieb ta' Ġożwè**

F'dak iż-żmien, il-Mulej qal lil Ġożwè: "Illum jien neħħejtilkom minn fuqkom l-għajb tal-Eġittu". Ulied Iżrael waqqfu l-kamp tagħhom f'Gilgal. Hemm, fil-witat ta' Ġeriko, għamlu l-Għid filgħaxija tal-erbatax tax-xahar. U sewwa sew l-għada tal-Għid, huma kielu mill-frott tal-art: ħobż ażżmu u qamħ inkaljat.

Minn dakinhar, wara li kielu mill-frott tal-art, il-manna waqfet. Ulied Iżrael ma kellhomx aktar manna, imma minn dik is-sena bdew jieklu milli bdiet tagħtihom l-art ta' Kangħan.

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Irroddu ħajr lil Alla



*"O Alla, int għażilt lill-Verġni Mqaddsa Marija biex issir omm Ibnek il-waħdieni magħmul bniedem, u għollejtha fi glorja tassew tal-għaġeb, aħna nfaħħruk u jigglorifikawk. Nitolbuk, biex kif int salvajtna bil-misteru tal-fidwa, hekk ukoll jeħodna miegħek fil-glorja tas-sema, biex mal-Verġni Marija nibqgħu nfaħħruk u nigglorifikawk għal dejjem." Talba ta' Brother Louis – Awissu 2009*

## Salm Responsorjali
**Salm 33 (34), 2-3.4-5.6-7**

℟. Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej

Kull ħin inbierek il-Mulej;
tifħiru dejjem fuq fommi.
Bil-Mulej tiftaħar ruħi;
jisimgħu l-fqajrin u jifirħu. ℟.

℟. Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej

Xandru l-kobor tal-Mulej miegħi;
ħa ngħollu ismu flimkien.
Jien fittixt il-Mulej, u weġibni,
minn kull biża' tiegħi ħelisni. ℟

℟. Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej

Ħarsu lejh u jiddi bil-ferħ wiċċkom,
u ma jkollkomx għax tistħu.
Dan il-fqajjar sejjaħ u l-Mulej semgħu,
u mid-dwejjaq tiegħu kollha ħelsu. ℟.




*"O Alla tiegħi, meta tiġini f'qalbi l-idea tiegħek, agħmel li ma tkunx għalija bħal ħasfur imwerwer li jitlaq itir bil-biża'. Nixtieq li tkun għalija bħal meta tfajjel iqum min-nagħsa, wiċċu bi tbissima safja, u mimlija tama!"*
*Talba ta' Brother Louis – April 2011*

# QARI II

***Alla ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu.***

**2 Kor 5, 17-21**

**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

Ħuti, meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid; il-qadim għadda u daħal il-ġdid. Kollox ġej minn Alla li ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu u tana l-ministeru ta' din il-ħbiberija tal-bnedmin ma' Alla. Alla kien li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu, bla ma qagħad iżomm il-kont ta' dnubiethom, u fdalna l-ministeru ta' din il-ħbiberija. Aħna nagħmluha ta' ambaxxaturi ta' Kristu bħallikieku Alla stess qiegħed isejjaħ permezz tagħna, nitolbu fuq li nitolbu f'ġieħ Kristu: Ħallu lil Alla jħabbibkom miegħu. Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla.



**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Irroddu ħajr lil Alla

## AKKLAMAZZJONI QABEL L-EVANĠELJU

**Lq 15, 18**

Glorja u tifħir lilek, Kristu!
Ħa nqum u mmur għand missieri, u ngħidlu:
Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek.
℟. Glorja u tifħir lilek, Kristu!

*"Mulej mexxi l-passi tiegħi li qed neżita nagħmel, ħalli naqsam it-triq għal għandek u timlieni b'dik il-ħajja tiegħek, li int qed toffrili."*
*Talba ta' Brother Louis – Ottubru 2010*

## EVANĠELJU

***Dan ħuk kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab.***

**Lq 15, 1-3.11-32**

### Qari mill-Evanġelju skont San Luqa

F'dak iż-żmien, il-pubblikani u l-midinbin kienu jersqu bi ħġarhom lejn Ġesù biex jisimgħuh. U kemm il-Fariżej u kemm il-kittieba kienu jgemgmu u jgħidu: "Nies midinba jilqa' għandu dan u jiekol magħhom!"

U Ġesù qabad u qalilhom din il-parabbola: "Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied. Iż-żgħir qal lil missieru: "Missier, agħtini s-sehem li jmiss lili mill-ġid". U dak qassmilhom il-ġid. Ma kinux għaddew wisq ġranet, meta ż-żgħir sarr kollox u telaq minn beltu lejn pajjiż imbiegħed, u hemmhekk berbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra. Meta ħela kulma kellu, fuq dak il-pajjiż waqa' ġuħ kbir, u beda jħoss ruħu fil-bżonn. U mar daħal ma' wieħed minn dak il-pajjiż, li bagħtu fir-raba' tiegħu jirgħa l-ħnieżer. Kien jixtieq kieku jimla żaqqu mqar bil-ħarrub li kienu jieklu l-ħnieżer, imma ħadd ma kien jagħtih.

Imbagħad daħal fih innifsu u qal: "Kemm lavranti ma' missieri għandhom ħobż bix-xaba', u jien qiegħed hawn immut bil-ġuħ! Ħa nqum u mmur għand missieri, u ngħidlu: Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek; żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek".

Qam, u telaq għal għand missieru. Iżda kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu. It-tifel qallu: "Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek".

Iżda l-missier qal lill-qaddejja tiegħu: "Isaw! Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu, libbsulu ċ-ċurkett f'sebgħu u s-sandli

f'riġlejh! Ġibu l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa nieklu u nagħmlu festa, għax dan ibni kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab!" U għamlu festa.

Mela ibnu l-kbir kien fl-għalqa. Huwa u rieġa' lura, kif wasal qrib id-dar sama' daqq u żfin. Sejjaħ wieħed mill-qaddejja u staqsieh dak x'kien. Dak qallu: "Hawn ħuk u missierek qatillu l-għoġol l-imsemmen, għax raġa' kisbu qawwi u sħiħ". Hu inkorla, u ma riedx jidħol ġewwa, iżda missieru ħareġ jitolbu jidħol. Iżda hu qal lil missieru: "Ara, ili dawn is-snin kollha naqdik, kelmtek ma ksirthielek qatt, u kieku qatt tajtni gidi lili biex nagħmel ikla u nifraħ ma' ħbiebi! Imbagħad jiġi dan ibnek, li belagħlek ġidek man-nisa żienja, u lilu toqtollu l-għoġol l-imsemmen". Qallu missieru: "Ibni, inti dejjem miegħi, u kulma hu tiegħi huwa tiegħek. Imma kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab!".

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu



*"Spirtu Qaddis, nifs ta' Alla, int tiġi għandi biex tfakkarni l-għemejjel u l-kliem ta' Ġesù kull darba li naqra l-Vanġelu. Għinni ħalli nifhem aktar dik il-"fidi" li jridu jwassluli f'qalbi, f'moħħi, u biex insaħħaħ fija l-fidi. Warrab minn quddiem għajnejja dik il-biża' li nħoss, li tixhed kontra dik it-tama li għandi fik Mulej Alla."*
*Talba ta' Brother Louis - Lulju 2010*

**Jiena nemmen f'Alla wieħed,**
Il-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art,
Dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx.
U f'Mulej wieħed Ġesu' Kristu, Iben waħdieni ta' Alla,
Imnissel mill-Missier qabel kull żmien.
Alla minn Alla, dawl minn dawl, Alla veru minn Alla veru,
Imnissel, mhux magħmul, natura waħda mal-Missier;
u bih sar kollox.
Niżel mis-smewwiet
għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna.
U ħa l-ġisem bis-setgħa ta' l-Ispirtu s-Santu
Minn Marija Verġni u sar bniedem.
Sallbuh għalina, bata taħt Ponzju Pilatu,
miet u difnuh, u fit-tielet jum qam minn bejn l-imwiet,
skond il-Kotba mqaddsa,
u tela' s-sema, u qiegħed fuq il-lemin tal-Missier.
U għandu jerġa' jiġi bil-glorja
biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin,
u s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem.
u fl-Ispirtu s-Santu, Mulej li jagħti l-ħajja;
li ġej mill-Missier u mill-Iben;
li hu mequum u mweġġaħ flimkien mal-Missier u ma' l-Iben;
Hu li tkellem b'fomm il-profeti.
u fi Knisja waħda, qaddisa, kattolika, appostolika.
Nistqarr magħmudija waħda għall-maħfra tad-dnubiet.
U nistenna l-qawma mill-imwiet,
U l-ħajja taż-żmien li ġej. Amen.




*"Ġesù, kun għalija dik l-istilla bid-dawl qawwi tagħha, Kun raġġ ta' dawl f'qalbi issa u għal dejjem." Talba ta' Brother Louis - Novembru 2009*

## Talbiet ta'interċessjoni

℟. **Mulej, agħtina l-Ispirtu Qaddis tiegħek.**

1. Biex il-poplu nisrani jgħix l-impenn tar-Randan billi jagħti widen bil-fidi għall-Kelma tiegħek. Nitolbu.
℟. **Mulej, agħtina l-Ispirtu Qaddis tiegħek.**

2. Alla ħanin, ħares lill-Papa Franġisku u lill-Isqof tagħna, Mgr. Charles Scicluna. Żommhom qawwijin u sħaħ għall-ġid tal-Knisja tiegħek. Nitolbu.
℟. **Mulej, agħtihom l-Ispirtu Qaddis tiegħek.**

3. Biex inkunu ambaxxaturi tal-imħabba ta' Kristu kull fejn ninsabu u nħallu lil Alla jaħdem permezz tagħna. Nitolbu.
℟. **Mulej, agħtina l-Ispirtu Qaddis tiegħek.**

4. Agħmel Mulej, li niddixxernu sew, biex nifhmu s-sinjali ta' mħabbtek lejna u nisimgħu b'fidi ferma lil dawk li qegħdin iwasslulna b'tant qawwa u mħabba il-messaġġ tiegħek ta' paċi u mħabba. Nitolbu.
℟. **Mulej, agħtina l-Ispirtu Qaddis tiegħek.**

5. Agħmel Mulej, li fuq l-eżempju ta' Brother Louis, il-Fidi u ż-Żelu tiegħu fl-għalqa ta' l-Edukazzjoni Nisranija jissawwbu fuqna valuri Evanġeliċi u prinċipji umani. Nitolbu.
℟. **Mulej, agħtina l-Ispirtu Qaddis tiegħek.**

6. Għall-Brothers u membri tal-Familja Lasalljana kollha li ħallew dan il-wied tad-dmugħ biex igawduk fil-glorja ta' dejjem. Nitolbu.
℟. **Mulej, agħtina l-Ispirtu Qaddis tiegħek.**

## O Ġesu` tal-Akbar Ħniena



O Ġesu` tal-akbar ħniena
Isma' talbi kun ħanin
B'sogħba kbira qalbi mnikkta
Ghal dnubieti wisq kefrin.

Ħenn għalija, ħenn għalija
O Ġesu` żgur qatt ma nżid
Iżda nħobbok b'qalbi kollha
Ħajti kollha jiena rrid.

Twissijietek kollha mħabba,
B'baħar dija ta' kull ġid;
Taħt riġlejja rfist bħal kieku
Ma kontx tiegħi Int is-Sid.

Ħenn għalija, ħenn għalija
O Ġesu` żgur qatt ma nżid
Iżda nħobbok b'qalbi kollha
Ħajti kollha jiena rrid.

## Qaddis

Qaddis, Qaddis, Qaddis
Mulej Alla tal-eżerċti
Is-Smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek
Hosanna fl-għola tas-smewwiet
Imbierek min ġej f'isem il-Mulej
Hosanna fl-għola tas-smewwiet.

## Akklamazzjoni Memorjali

Inħabbru l-mewt tiegħek Mulej, Inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek, nistennewk sa ma tiġi fil-glorja.

## Ħaruf t`Alla

Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja
Ħenn għalina
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja
Ħenn għalina
Ħaruf t'Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja
Agħtina l-paċi

## Ġesu` Tiegħi



Ġesu` tiegħi, rasek l-għażiża
Minn niggiżlek b'dak ix-xewk
Kienu l-ħafna dnubiet tiegħi
Ġesu` twajjeb aħfer u ħenn.
Ġesu` tiegħi, minn kellu l-ħila
Jerfa' idu fuq ħaddejk.
Kienu l-ħafna dnubiet tiegħi
Ġesu` twajjeb aħfer u ħenn.
Ġesu` tiegħi, ġismek imqaddes
Min bla ħniena ħaqar sħiħ?
Kienu l-ħafna dnubiet tiegħi
Ġesu` twajjeb aħfer u ħenn.

Ġesu` tiegħi, min mar għabbielek
Salib aħrax fuq spallejk?
Kienu l-ħafna dnubiet tiegħi
Ġesu` twajjeb aħfer u ħenn.
Ġesu` tiegħi, idejk min nifed
B'dawk l-imsiemer tal-ħadid?
Kienu l-ħafna dnubiet tiegħi
Ġesu` twajjeb aħfer u ħenn.
Ġesu` tiegħi, riġlejk min sammar
Qalbu iebsa, bla ma jħenn?
Kienu l-ħafna dnubiet tiegħi
Ġesu` twajjeb aħfer u ħenn.

## Ave Maria



Ave Maria, gratia plena
Dominus tecum benedicta tu in mulieribus,
Et Benedictus fructus
Ventris tui Iesus
Sancta Maria Mater Dei,
Ora pro nobis peccatoribus,
Nunc, et in ora mortis nostrae.
Amen

## Honneur à toi



Honneur à toi, glorieux de La Salle,
Apôtre des enfants et gardien de leur foi;
Vainqueur de l'ignorance, à l'âme si fatale.
Honneur à toi. Honneur à toi!

O toi que les élus comme nous applaudissent.
Et chantent triomphant dans les parvis du ciel.
Pour exalter ta gloire, ici nos voix s'unissent
Avec transport au cantique éternel

Honneur à toi, glorieux de La Salle,
Apôtre des enfants et gardien de leur foi;
Vainqueur de l'ignorance, à l'âme si fatale.
Honneur à toi. Honneur à toi!

Tu fus le compagnon des esprits angéliques
Qui garde le jeune Âge, encore dans sa fleur
Et voit toujours briller les eternels portiques
Où de Dieu même apparaît la splendeur.

Honneur à toi, glorieux de La Salle,
Apôtre des enfants et gardien de leur foi;
Vainqueur de l'ignorance, à l'âme si fatale.
Honneur à toi. Honneur à toi!

| | |
|---|---|
| **Ċelebrant:** | **Eċċ. Tiegħu Rev. ma<br>Charles J. Scicluna,<br>Arċisqof ta' Malta** |
| **L-Ewwel Qari:** | **Brother Edward Galea F.S.C.** |
| **Salm:** | **Jitkanta mill-kor** |
| **It-Tieni Qari:** | **Lorraine Vassallo** |
| **Evanġelju:** | **Konċelebrant** |
| **Talb tal-fidili:** | **Sister Catherine Seychell<br>Lawrence Zammit<br>Anne Cuschieri<br>Manuel Cilia<br>Mariella Vella<br>Simone Vella Sartori** |
| **Offertorju:** | **Brother Laurence Hughes F.S.C.<br>Sister Dolores Mifsud<br>Cettina Buttigieg<br>Charles Briffa** |
| **Kor:** | **Kulleġġ De La Salle – Junior School** |
| **Choir Master:** | **Ray Sciberras** |
| **Organista:** | **Jurgen Grima** |
| **Solisti:** | **Tamara Attard, Jacob Leigh Micallef,<br>Darine Portelli Madden** |

*"Mulej, irrid ngħix responsabbli ta' ħajti u nagħmel għażliet pożittivi kuljum. Illuminani biex nagħraf il-prijoritajiet ta' ħajti, inkun ġeneruż/a f'dak li neħtieġ għalija, f'dak li jeħtieġ ħaddieħor. Fakkarni biex nagħti biżżejjed ħin fil-ġabra lil ruħi, biex niltaqa' miegħek, u mexxini Int biex nagħraf il-bżonnijiet personali ta' ħaddieħor. " Talba ta' Brother Louis - Lulju 2007*

**Brother Louis Camilleri F.S.C. Beatification Cause Group:**

**Brother Saviour Gatt F.S.C. - *Viċi-Postulatur tal-Kawża***
**Martin Francalanza - *Animatur***
**Anne Cuschieri - *Segretarja***
**Francis Cuschieri - *Teżorie*r**
**Carmen Cutajar**
**Joe Degiorgio**
**Moira Degiorgio**
**Fabian Mangion**
**George Perrett**
**Maryrose Perrett**
**Mariella Scicluna**
**Mario Scicluna**
**Josette Vassallo La Rosa**




*"Ġesù bin Alla, iben Marija,* ***GĦERF*** *etern, ġejt għandek illum biex tgħallimni u tgħarrafni t-triq li trid tgħaddini minnha. Tgħallimt niskot meta nħoss fija ġibda biex nitkellem, u nisma' lilek u nixtarr xi trid tgħidli. U meta l-inkwiet tal-ħajja jaħkimni, għallimni nafda fik. U meta nħoss li m'inix narak, m'inix nisimgħek, m'hemmx ħossok, għallimni nittama fik, Ġesù ħobż tal-ħajja!"*
*Talba ta' Brother Louis – Ġunju - 2011*

**Abstract from the PASTORAL LETTER TO THE BROTHERS**
**Brother Álvaro Rodríguez Echeverría, F.S.C.**
**Superior General**
**December 25th, 2011**

Brother Louis Camilleri passed away in Malta at the end of May. In him we can also see an icon of the faithful steward of God's grace, as his former students remember him.

Throughout his long life he was a tireless worker in the apostolate and he showed a deep love for his vocation as a Brother and for the vitality of the Institute. He carried this out as he responded to the signs of the times and even at an advanced age he made great strides in the area of association as a creator and leader of lay Lasallian communities made up of teachers, parents and former students. He stayed active until the final days of his long life, devoting his time to organizing retreats, meetings with students, former students and married couples.

As an enthusiastic teacher, he was one of those teachers students never forgot, and he was able to instill the desire to learn. He knew how to teach French or history with the same passion with which he worked with students in caring for the school's garden and he never missed an opportunity to invite students to participate in the life of the school. He was supportive of all school events which promoted the unity of the educational community and of adopting whatever new initiative that would improve the training of students.

Brother Louis was known by all for his deep spirituality and his great human qualities. He was everything we think of when we hear the term "spiritual guide." The wisdom and experience accumulated during his many years made him a point of reference and an invaluable counsellor for young

people and adults as well; he was a person who, above all, knew how to listen.

His life was a lesson, a prayer, a presence that was close to God, a word of wisdom and good counsel to encourage a vocation to religious life, give support to a couple to maintain their fidelity to marriage or to help out a teacher in the profession. It is interesting to note that those who knew him expressed the following about him:

*“I feel that Brother Louis is among us. The only difference is that now I don't see him. I admit that sometimes I "speak" with him and in my heart I "hear" what he is saying to me.”*

*“He was an exceptional Lasallian, a "good shepherd" who lived his vocation with exemplary devotion and genuine dedication to his students and to all those who knew him.”*

*“The most important thing for him was to imprint on all teachers the Lasallian ideal of ongoing concern for others. His enthusiasm was contagious. I can see him looking at us and saying with a gentle smile: "Work hard!"”*

*“Brother Louis is a shining example of what it means to live a vocation, he touched the hearts of many. He is an example of what it means to love.”*

*“During his final years I was in touch with the school through the "Old Stelmarians" association as a parent and chorus member and for the past three years as a member of the Signum Fidei fraternity. I can't imagine the school without Brother Louis. But the time has come for us to do things the way he would have wanted, although it will never be the same without him.”*

*“He was a true saint. We loved him like you cannot imagine and he loved each of us in a special way. He made us feel*

*special. I had a special friendship with him. He would speak about the Founder at a moment's notice. Whenever I told him I had some problem he would always come up with some anecdote from De La Salle's life."*

I believe that these and many other stories give faith to everything that has been said and they show us the path followed by a true disciple of De La Salle, who knew how to teach, love and serve all those whom God, in his providence, "entrusted to his care" and who, no doubt, gave a "full accounting." One of Brother Louis' former students wrote: *"In conclusion, if there is one Brother who drank abundantly from the spirit of Saint John Baptist de La Salle, it was Brother Louis. Rest in peace, dear Brother, and you can be sure that your students, Brothers and friends have kept firm in the faith, no doubt, thanks to you."*

A few days before he died I received a letter from Brother Louis in which he was enthusiastic about the final talk I had given to the Intercapitular Assembly in May. In my response to him, which he never did receive, I told him:
*I am happy to hear that you liked the talk and your comments have given me encouragement. I ask that you always keep me in your prayers that the Lord illumine and guide my steps in leadership ministry in the Institute and in the Lasallian Family which he, in his mysterious ways, has entrusted to me. As you yourself said very well, De La Salle is alive, not so much in my person, but in so many Brothers and lay people who live their mission of being instruments of salvation for children and young people, especially those most in need, enthusiastically. I always remember you with admiration and affection. Your dedication to the mission and to the accompaniment you have given to the Signum Fidei fraternity, is very exemplary....*

*"Mulej mexxi l-passi tiegħi li qed neżita nagħmel, ħalli naqsam it-triq għal għandek u timlieni b'dik il-ħajja tiegħek, li int qed toffrili."*
*Talba ta' Brother Louis – 31 ta' Ottubru 2010*

## Mill kitbiet ta' Brother Louis:

*"Learn to live the Spirit of Faith. Have recourse to the Holy Founder – he is your guiding mentor."*

*"L-uniku rigal prezzjuż li tista' tagħti, hu biċċa minnek innifsek."*

*"Il-bniedem jimxi 'l quddiem fil-ħajja spiritwali skont kemm jirnexxielu jinsa' lilu nnifsu."*

*"Jekk inti tixtieq il-qawsalla u tgawdi l-kuluri tagħha, trid li jkun hemm ix-xita. Mingħajr xita ma jistax ikun hemm qawsalla."*

*"Ir-ruħ m'għanda l-ebda sigriet li ma jinkixifx! Id-dixxipli ta' Kristu jinkixfu bis-saħħa ta' għemilhom!"*

*"Bon Courage"*



*"Mulej, inti tħobb dak kollu li ħlaqt, fuq kollox il-bniedem, u qiegħda FIK li tħobb u taħfer. Mulej urini kif għandi nkun ġeneruż, biex naċċetta u naħfer lil kullħadd, bl-istess mod kif Inti taċċettani u taħfirli. Il-maħfra hija mogħtija lili biex jien ngħaddiha lil ħaddieħor." Talba ta' Brother Louis – Novembru 2010*

Istituto dei
FRATELLI DELLE SCUOLE CRISTIANE
Superiore Generale

17 March 2019

Brothers of the Christian Schools, and
Members of the Lasallian Family
Malta

Dear Brothers and Members of the Lasallian Family,

It is providential that the formal opening of the cause of beatification of Brother Louis Camilleri coincides with the 300[th] anniversary of the death of our Founder, Saint John Baptist de La Salle. We thank God for the exemplary lives of these 2 men who, each in his own way, are mediators of grace.

Former Brother Superior General Álvaro Rodríguez wrote the following about Brother Louis: *"Brother Louis was known by all for his deep spirituality and his great human qualities. He was everything we think of when we hear the term 'spiritual guide.' The wisdom and experience accumulated during his many years, made him a point of reference and an invaluable counselor for young people and adults as well; he was a person who, above all, knew how to listen.* (Pastoral Letter to the Brothers, 25/12/2011)

When I think about Brother Louis, the following words come to mind:

"Lives of great men all remind us
We can make our lives sublime,
And, departing, leave behind us
Footprints on the sands of time."
(Henry Wadsworth Longfellow, *A Psalm of Life*)

Brother Louis was deeply anchored in Jesus Christ. His faithful commitment to the Gospel, his captivating humility, his apostolic zeal for the human and Christian education of children and young and his extraordinary ability to make friends and build everlasting relationships provide us with insights into the heart a man who lived the Christian life to the fullest.

May the memory – the footprints- of Saint John Baptist de La Salle and Brother Louis inspire the Brothers and members of the Lasallian Family of Malta to joyfully announce the Gospel and to collaborate with Jesus Christ and his desire that each person lives life to the fullest.

Bro. Robert

Brother Robert Schieler, FSC
Brother Superior

Casa Generalizia La Salle
Via Aurelia 476
00165 Roma - Italia

## Talba għall-grazzji u l-glorifikazzjoni ta' Brother Louis Camilleri

Mulej, għajn ta'kull qdusija, Int wegħdet li teżalta lill-umli u tagħmel lil dawk kollha li jgħallmu l-ġustizzja lill-kotra bħal kwiekeb fl-eternita'; kun ġeneruż, jekk jogħġbok u gglorifika lill-qaddej Tiegħek Bro Louis u agħmel li ismu jibqa' jiddi qalb l-ismijiet tal-qaddisin Tiegħek.

Ftakar f'ħajtu umli, ħabrieka, safja, u bieżla li kienet għal kollox imħeġġa biex twettaq ir-rieda Tiegħek u tħobb Lilek u lill-proxxmu kollu; kun idek miftuħa u sawwab il-grazzji Tiegħek fuq l-erwieħ li qed isejħulek.

Jekk jogħġbok agħmel li jum fost l-oħrajn il-Knisja Qaddisa tagħti ġieh lit-tifkira tiegħu u toffrihulna bħala xempju ta'ħajja Nisranija; u, ukoll li tippreżentahulna bħala protettur li jaqbeż għalina u jgħinna ngħixu fil-grazzja Tiegħek u fl-imħabba Tiegħek. Ammen.

*Glorja lill-Missier...*

~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~

## A prayer imploring graces and the attainment of Brother Louis Camilleri's glorification

O Lord, eternal source of all holiness, You promised to exalt the humble and to make all those who teach justice to the masses shine like stars in eternity; please be generous and glorify Brother Louis and make his name shine among those of your saints.

As you recall his humble, industrious, pure, and busy life which was completely dedicated in doing Your will and in loving You and his brethren, bestow generously Your graces in favour of the souls that call upon You.

Please make that one day the Holy Church honours his memory and offers him to us as a model of a Christian life; and, furthermore, that she presents him as a protector to intercede on our behalf and to help us live in Your grace and in Your love. Amen.

*Glory be to the Father ....*

*Nihil Obstat die 24th Novembris 2014 – Sac. Hector Scerri, Cens. Theol.*
*Imprimatur datum in Curia Arciepoli Meliitensi, Florianae – Die 25th Novembris, 2014*
*Mons. Charles Scicluna Ep. Tit. Sancti Sconis, Adm. Ap. S. V.*
~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~~

The Signum Fidei member strives to follow the Gospel journey of Saint John Baptist de La Salle and deepens and lives the Lasallian spirituality. All members live in a community of faith in which Lasallian fraternity is experienced. The Signum Fidei member is a living witness for others in their family life, in their professional work and in their social relationships.

During 2019, the Institute of the Brothers of the Christian Schools and the Lasallian Family will celebrate the 300th anniversary of the death of their founder, Saint John Baptist de La Salle, Patron Saint of Teachers. The Institute has designated 2019 as the Year of Lasallian Vocations. Pope Francis once said, "We are pilgrims from death to the fullness of life." With this understanding, the theme of the **Tercentenary, One Heart, One Commitment, One Life** represents the fullness of **De La Salle's life** and the continued vitality of the Lasallian Mission and vocation in 80 countries around the world.

***Let us remember that we are in the Holy presence of God - Let us adore him***

***Live Jesus in our hearts - Forever***

***St. John Baptist de La Salle - Pray for us***

*"O Kristu Ġesù twajjeb, fik biss irrid naħseb. Nitolbok għaldaqstant, la tħallinix nintilef, tabbandunanix f'dan il-lejl ta' fidi. Qed nistenniek, urini d-dawl tiegħek, żommni sod, maġenbek." Talba ta' Brother Louis – Novembru 2010*